**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**Scott Emanuel Schembri**

**Kaz numru: 4071/2022**

**Illum, 21 ta' Frar 2025**

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra:

**Scott Emanuel Schembri ta' 23 sena bin Gordon Schembri u Mirima Schembri Calleja xebba Calleja imwieled Santa Venera fit-28 ta' Gunju 1998, Residenti 171, Ficus, Triq il-Pedidalwett, Swieqi, Malta ID 238893M**

Akkuzat talli nhar it-30 ta' Jannar 2022 ghal habta ta' 13:15hrs gewwa Wied Hazrun L/O Rabat Malta:

1. Talli minghajr il-hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex tezercita dritt li tipretendi li ghandek gieghelt bl-awtorita tieghek innifsek lil xi hadd ihallas dejn jew jezegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun fixkilt lil Emanuel Ciantar fil-pussess ta' hwejjgu b'xi mod iehor kontra l-ligi jew indhalt fi hwejjeg ta' haddiehor.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra mill-piena applikabbli tapplika Sec 382A u 383, 384, 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-harsien ta' Emanuel Ciantar.

Il-Qorti giet mitluba biex ukoll jekk tkun tat xi piena li lmin jaghmel ir-reat, tordnalu t-tnehhija ta' kull dizordni jew inkonvenjejt li bih ikun sar r-reat, jew skond ic-cirkostanzi li jikkonferma ruhu mal-ligi, fi zmien bizzejed ghal dak il-ghan izda f'ebda kaz iktar minn tliet xhur mid-data tas-sentenza, li jigi stabbilit mill-Qorti u dan skond Artiklu 377(3), 377(5) tal-Kap 9.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija barra milli taghti il-piena stabbilita skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghanhdom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Art 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Semghet u hadet nota tas-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il-kaz jirrigwarda allegatament vjolazzjoni tal-proprjeta mill-imputat li kien ma' diversi ciklisti fi propjeta' li allegatament tappartjeni lis-Sur Emanuel Ciantar. Dan l-incident allegatament sar nhar it-30 ta' Jannar 2022 f'Wied Hazrun, limiti tar-Rabat.

**Ikkunsidrat:**

**Provi**

Xehed **PC 895 Joseph Scicluna** fejn qal li certu Emanuel Ciantar irrapporta bit-telefon gewwa l-ghassa tar-Rabat li kienu dahlulu diversi ciklisti minghajr il-permess tieghu fl-ghlieqi tieghu li kienu jinsabu f'Wied Hazrun, limiti tar-Rabat. Kompla jghid li Ciantar stqarr li kellu argument ma' dawn ic-ciklisti.

Huwa mar fuq il-post ma' PC 57 Buhagiar u qal li l-persuni bir-rota lahqu telqu. Qal li dawn ic-ciklisti dahhlu minn xatba maghluqa, fethuha u regghu ghalquha. Qal li gharaf persuna li kienet ukoll dahlet il-Hadd ta' qabel. Dan kien qallu li l-gimgha ta' qabel Ciantar kien tnejjek bih ghax il-propjeta' mhux vera privata. Dan ic-ciklist ghajru pufta filwaqt li ciklist iehor ghajru buffu. Huma ma sabux dawn ic-ciklisti.

Nahar l-4 ta' Frar 2022 Ciantar irrikorra gewwa l-ghassa tar-Rabat fejn ipprezenta pjanta ta' din il-propjeta' tieghu. Jghid li dan Yves Muscat li deher

fil-media kien l-istess wiehed li rah kemm fit-30 ta' Jannar 2022 kif ukoll il-Hadd ta' qabel.

Il-pulizija sejhet lil Yves Muscat u Isaac Muscat gol-ghassa tar-Rabat nhar it-8 ta' Frar 2022. Huma gew moghtija d-drittijiet spettanti lilhom u ikkonsultaw mal-avukat Joseph Ellis. Isaac Muscat qal li kemm hu kif ukoll Yves Muscat u Christina Fylking Nielsen dahlu minn grada li kienet miftuha u f'hin minnhom gie Ciantar u beda jghidilhom li hija propjeta' privata u kellhom johorgu 'l barra minn fejn dahlu. Ciantar beda jghid lil Nielsen fuck off, go back to your country, this is no place for tourists. Peress li Yves Muscat u Christina Fylking Nielsen kienu jinsabu mbezza', marru lura minn fejn gew.

Xehed **PC 57 Matthew Buhagiar** li ikkonferma il-verzjoni li ta'm PC 895 Scicluna .

Xehed **Emanuel Ciantar** nhar it-8 ta' Lulju 2022 fejn ghazel li jixhed wara li inghata id-debita twissija. Hu ezebixxa xi audio recordings mill-Malta Today u jghid li ghamluhom min suppost qed jakkuzah. Jispjega li f'xi s-siegha ta' wara nofsinhar (1pm) tat-30 ta' Jannar 2022 fuq art li ghandu titolu agrikolu fuqha, induna li kien hemm erbgha (4) minn nies go dan il-kumpless tar-razzett. Jghid li dawn kienu bejn ix-xatba u l-farm. Hu qalilhom li din kienet propjeta' privata. Jghid li lil Yves Muscat u lil Nielsen kien diga' rahhom hemm il-gimgha ta' qabel. Kienu dahlu gol-propjeta' tieghu bir-roti u kien spjegalhom li din propjeta' tieghu. Il-gimgha ta' qabel kienu ikkoperaw. Kien talabhom biex johorgu minn fejn dahhlu u hekk ghamlu. Fit-30 ta' Jannar qam qisu pandemonju u bdew jitlewmu mieghu. Bdew jindirizzawh b'ismu u

hu kien mistaghgeb ghax ma jafhomx personalment. Jispjega li Yves Muscat qallu li ‘kont tnejjikt bih’ il-gimgha ta’ qabel u ‘miskin min jitnejjek bih.’ Hu ha dan il-kliem b’ theddid. Dan apparti li bdew jghidu li l-propjeta’ mhix privata. Qalilhom li ser jirraporta lill-pulizija u bdew jizzuffjettaw bih. Bdew ukoll jiehdu xi recordings. Jispjega li Isaac Muscat beda jigbed ir-recordings u li qallu ‘ma nhabbilx rasi u ‘ma nahbbilx zobbi’. Fil-fatt huwa cempel lill-pulizija. Jghid li meta qata’ t-telefon minn mal-pulizija baqghu jikkustinjaw mieghu u Isaac Muscat urieh xi dokumenti li kellu f’idejh. Jghid li Scott Schembri qallu “fucking buffu kemm inti buffu bro”. Jghid li qalilhom li huma kienu ser ikunu cowards jekk jitilqu minn hemm qabel ma jigu l-pulizija. Isaac Muscat qabel ma telaq qallu “ciao pufta”. Ikompli jghid li huwa lil Nielsen qatt ma kellimha fit-30 ta’ Jannar imma kien kellimha biss il-Hadd ta’ qabel. Jghid li biex ghaddew qasmu l-farm kollu. Hargu u ghaddew minn fejn gew, bejn il-gates. Jghid li sab artikoli laminati imwahhla fuq barra tax-xatba.

Kontro-ezaminat jikkonferma li fuq l-art hemm qbiela. Jaqbel li l-kaz quddiem il-Prim’Awla ghadu mhux deciz. Jispjega li l-kwistjoni fuqha hi jekk il-qbiela gietx annullata jew le b’ittra ufficjali. Jghid li l-kawza fetahha ghax it-Tribunal Amministrattiv dwar l-Artijiet annulla l-ittra. Jghid li hu permezz tal-kawza qed jattakka id-decizjoni tal-Awtorita tal-Artijiet. Jghid li maghha hemm mandat ta’ inibizzjoni milli l-Gvern jwaqqaf il-pussess tal-art. Isostni li hu ghandu l-pussess tal-art. Jghid li hu qatt ma tilef il-pussess tal-art tant li baqa’ fil-pussess tal-art. Jghid li Scott Schembri u Yves Muscat qalulu buffu. Isostni li l-kliem “pufta” qalulu Isaac Muscat u li Scott Schembri minimament intervjena fl-incident. Ma ghamilx akkuza li xi hadd minnhom ghamillu hsara materjali. Jghid li l-art kollha hija ta’ tmenin (80) tomna u l-ahwa Ciantar kollha kemm huma ghandhom nofsha. Jghid fiha hemm residenza wahda li fiha jghixu hu u ommu. Fil-passat kienu jghixu missieru u

hutu ukoll. Jghid li l-parti taghhom hija ftit anqas minn erbghin (40) tomna. Hu jinsisti li kellu dritt igawdi l-propjeta' tieghu u ma kellu l-ebda impediment li johrog. Hu mar jaghmel xi checks fil-propjeta' tieghu.

Kompla l-kontro-ezami ta' Emanuel Ciantar nhar id-19 ta' Mejju 2023 fejn gharaf lil Yves Muscat li ghajru "buffu". Jghid li s-sinjura lanqas biss kellimha pero' kien kellimha il-gimgha ta' qabel. Jghid li dawn is-sinjuri ma jafhomx personalment. Jikkonferma li Isaac Muscat qallu "pufta". Jghid li l-porzjoni qieghda ma' hafna nies ohra. Jghid li l-inkwilini jistghu jaqsmu l-propjeta'. Jaqbel li anke huh jista' jiddeciedi fuq il-propjeta'. Jghid li gimgha qabel huh infurmah bil-persuni u kien hu li kellem lil Yves Muscat u lil Christine Nielson. Jghid li l-konfrontazzjoni minima kienet ma' Scott u mas-sinjura. Jirribadixxi li mas-sinjura ma kellux konversazzjoni maghha. Jikkonferma li Yves Muscat beda jindirizzah b' ismu u beda jghidlu li l-gimgha l-ohra tnejjek bih. Ikkonferma ukoll li qallu 'miskin min jitnejjek bija'. Jikkonferma li l-kelma "coward" qalhielhom wara li cempel lill-pulizija. Jikkonferma li qal "coward" lil Isaac Muscat ghax kienu sejrin. Jichad li hu irrisponda b'xi mod. Jichad li lis-sinjura Nielson qalilha "go back to your country". Jghid li f'hin minnhom minhabba id-dizlivell tal-propjeta' gew vicin xulxin. Ma kienx hemm vjolenza jew avvicinament fiziku. Jghid li ma rahomx dehlin imma kieku dahlu minn fuq kienu jarawhom. Jikkonferma li l-kawza ilha ghaddejja sal-gurnata li kien qed jixhed. Jghid li x-xatba taghlaq l-enclosure tar-razzett u s-sinjuri kienu go l-enclosure. Kienu bil-qieghda u qed jitkellmu. Jghid li hemm dizlivell u hu kien sular il-fuq minn fejn kienu huma. Jghid li hu bil-kemm kien ghadu kemm fetah halqu li Yves Muscat ma qallux "Noel tnejjikt". Jinsisti li hu jghix f'dik il-propjeta'.

Xehdet **Christina Fylking Nielsen** fid-19 ta' Jannar 2024 bil-lingwa Ingliza wara li giet imwissija skond il-ligi. Tghid li hija tat il-verzjoni taghha lill-

pulizija tar-Rabat fit-3 ta' Jannar 2022 u tikkonfermaha. Tghid li hija dahlet gol-propjeta' meta kellha l-grada miftuha. Huma ma messew xejn imma qaghdu bil-qieghda. Hadu ftit ilma u xi ghaxar (10) minuti wara gie s-Sur Ciantar jghajjat b'mod abusiv u qallilha 'the f word this is no place for tourist and it is private property and asked us to leave'. Tghid li l-lingwagg uzat kien abuziv.

Kontro-ezaminata tghid li mhux korrett meta jinghad li Mr. Ciantar qalilha drabi ohra biex ma tidholx go hwejgu. Tghid li l-grada kienet miftuha u ma kienx hemm sinjal li hija propjeta' privata. Jista' jkun li l-konfrontazzjoni kienet qed tigi recorded. Pero' mhix certa.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tghid li l-akkuza principali fil-kaz odjern hija dik ta' pretended rights, ossija ragion fattasi. Jidher li Emanuel Cinatar jissottommetti li l-imputat qabad u dahal fi hwejgu meta kien hemm xatba maghluqa, fetahha u qaghad hemm sakemm intervjena l-kwerelant. Minn naha tieghu l-imputat jghid li l-post huwa pubbliku u x-xatba kienet miftuha. In sintezi dan huwa l-kaz barra li hemm xi kontravenzjonijiet addebitati lill-imputat kif ukoll allegazzjoni ta' fastidju.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti jidhrilha li ghandha tghid is-segwenti fuq il-materja ta' ragion fattasi tal-ligi, ossija l-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta Kodici Kriminali jghid is-segwenti:

FUQ L-UŻU KONTRA L-LIĠI MILL-PRIVAT TAS-SETGĦAT TAL-AWTORITÀ PUBBLIKA.

"85.(1) Kull min, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontral-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għalih, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur:…".

**Ikkunsidrat:**

Fil-kawza **Il-Pulizija vs Salvatore Farrugia** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Dicembru 1957 mill-mibki Onorevoli Imhallef William Harding inghad:

'L-elementi kostituttiv tar-reat ta' ezercizju arbitrarju ta' pretensjonijiet (ragio fattasi) huma erbgha u cjoe':

1. Att estern li jispolja lil haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi u li jkun ezegwa kontra l-oppozizzjoni espresa jew prezunta, ta' xi hadd iehor;
2. Il-kredenza li l-att qieghed isir b' esercizzju ta' dritt;
3. Il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di private braccio' dak li jmissu jsir per mezz tal-awtorita' pubblika;
4. Nuqqas ta' titolu, li jirrendi il-fatt aktar gravi.'

Ikompli jghid il-Harding fl-istess sentenza:

'Ir-rekwiziti tieghu ma jmorrux aktar l-hemm minn dawk fuq indikati; pero' hu fatt li min jaghmel att li bih ikun qieghed jiehu l-ligi f' idejh, b' daqshekk

ikun qieghed juzurpa f' sens generali funzjoni li tmiss biss lill-awtorita' gudizzjarja.'

**Ikkunsidrat:**

Minghajr tlaqlieq il-Qorti tghid li dan il-kaz seta' facilment jigi evitat bi ftit buon sens mill-partijiet kollha koncernati.

Il-Qorti tqis illi l-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti fir-rigward tal-akkuza migjuba kontra l-imputat ghandhom jittiehdu fl-isfond ta' dak li sehh dakinhar. Ghalhekk il-Qorti se tirriproduci l-fatti saljenti tal-kaz anke f'din is-sentenza.

Il-Qorti ukoll tirrileva li dan l-incident li principarjament kien ikkawzat mic-ciklisti, inkluz l-imputat, li dahlu wara r-recint dam biss ftit minuti. Infatti li l-kliem li jidher li intqal bejn il-partijiet huwa ftit kif tixhed id-deposizzjoni ta' Ciantar stess. Il-kliem inkriminati huwa s-segwenti skond il-kwerelant:

Yves Muscat qalli li 'kont tnejjikt bih' il-gimgha ta' qabel u 'miskin min jitnejjek bih.'

Scott Schembri qallu 'fucking buffu kemm inti buffu bro'.

Isaac Muscat qabel ma telaq qallu 'ciao pufta'.

Dan id-diskors ma intqalx f'lok pubbliku ghax intqal fil-propjeta' ta' Ciantar, ossija wara r-recint. Ma jidhirx sal-grad rikjest mil-ligi fil-kamp kriminali kien hemm xi ghajjat u storbju u lanqas glied, imma kien hemm divergenza fil-veduta jekk wara x-xatba kienx privat jew pubbliku.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz Il-Pulizija (Surgent Maggur Dr. J. Grima) vs Paul Attard (App. Nru. 278/2007) deciz fis- 27 ta' Settembru 2007 per Onorevoli Imhallef Joseph Galea Debono intqal is-segwenti:

'Illi minn din it-testimonjanza jirrizulta li l-insult li gie rivolt lejn mart l-appellant kien jikkostitwixxi ingurja semplici li taqa' taht l-art. 252 (2) u/jew l-artikolu 339 (e) tal-Kodici Kriminali u skond il-gurisprudenza din hija kompensabbli meta l-istess persuna ingurjata tirritalja bl-istess mod b' ingurji fil-konfront tal-persuna li tkun qed tingurjaha. F'dan il-kaz il-parti leza lejalment stqarret li hi hallset lura bl-istess munita meta ghall-ingurja "lesbjana" irritaljat bil-kelma ingurjuza "pufta" w dan iwassal biex inehhi responsabilta' kriminali fir-rigward tat-tieni akkuza'.

Din il-Qorti taqbel ma' dan l-insenjament. Ma jirrizultax li l-kwerelant irritalja b'xi kliem dispreggjattiv jew insulti u theddid fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti ma ghandix dubbju li Emanuel Ciantar ipprova bix-xhieda tieghu u id-dokument li esebixxa li huwa, flimkien ma' ohrajn, ghandu l-pussess effettiv tal-art *de quo*. Huwa vera li rigwardanti dan il-pussess hemm kontenzjoni u kawza mal-Awtorita' tal-Artijiet pero' fil-kamp kriminali il-pussess jista' jkun wiehed semplici. Id-dokumenti ezebit minn Cinatar, b' mod partikolari dak immarkat EC 1 meta tarahom fl-assjem taghhom u b' mod oggettiv ma jhallu l-ebda dubbju dwar il-pussess ta' arja fejn dahhlu ic-ciklisti, inkluz l-imputat.

Ic-ciklisti, inkluz l-imputat kienu jafu li kien hemm grada, il-fatt li l-grada kienet miftuha jew maghluqa hija pjuttost irrelevanti ghax grada fiha innifisha tiddemarka propjeta' u alla hares ghax grada, bhala bieb, tkun miftuha jew

imbexxqa allura jfisser li xi hadd jista' jidhol go hwejjeg haddiehor.  Mhux hekk biss, izda Yves Muscat u Christina Flyking Nielsen kienu diga' avzati minn Ciantar, gimgha qabel, li dik kienet propjeta' privati u li huma ma setghux jidhlu.

Il-Qorti temmen li meta dahhlu fil-propjeta' ic-ciklisti mhux biss ghamlu vjolazzjoni fil-propjeta' imma hadu l-ligi b'idejhom u dahhlu fil-propjeta' ta' Ciantar u b'hekk huwa ma setax igawdi dik il-propjeta' kif kellu dritt li jaghmel.  Bic-ciklisti fiha, li hu ma jafx u ma kellu l-ebda konoxxenza fuqhom zgur li wiehed ma jistax jghid li kien komdu go daru u fi hwejjgu u allura Ciantar gie disturbat fi hwejjgu nhar it-30 ta' Jannar 2022.

B' hekk l-akkuzi migjuba kontra l-imputat tissussistu u huwa ghandu jinstab hati fuq l-istess.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **SCOTT EMANUEL SCHEMBRI HATI** tal-akkuza migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah ghal tlitt xhur prigunerija illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A qed jigu sospizi ghal zmien sena minn meta din is-sentenza ssir res judicata.

Barra minn dan biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Emanuel Ciantar kif ukoll sabiex jinzamm il-bon ordni flimkien mal-piena qed tobbliga lill-hati b'obbligazzjoni ta' elf Ewro (€1,000) favur Emanuel Ciantar ghal perjodu ta' tnax-il xahar mil-lum ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat lill-hati Scott Emanuel Schembri fi kliem car u semplici l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk huwa ma jonorax l-istess.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tinghata lill-partijiet u li kopja tal-imsemmija sentenza titpogga fuq is-sistema online tal-Qrati minnufih.

Moghtija, llum 21 ta’ Frar 2025, fil-bini tal-Qorti, f’Malta.

Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.
Magistrat

Annalise Mifsud
Deputat Registratur.